

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tas-6 ta' Ġunju 2001**

**li tistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej**

*(innotifikata permezz tad-dokument numru C(2001) 1493)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2001/528/KE)**

**(ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45)**

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/8/KE tal-5 ta' Novembru 2003	L 3	33	7.1.2004



## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Ġunju 2001

li tistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej

(innotifikata permezz tad-dokument numru C(2001) 1493)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2001/528/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

- (1) Il-libertà tal-provvediment ta' servizzi u l-moviment liberu tal-kapital jikkostitwixxu għanijiet ta' prijorità tal-Komunità, kif hemm referenza dwar dan fl-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat tal-KE.
- (2) Il-bini ta' suq intern ġenwin għas-servizzi finanzjarji huwa bi qbil mal-prinċipju ta' l-ekonomija tas-suq miftuħ b'kompetizzjoni libera, huwa kruċjali għaż-żieda fit-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' l-impjiegi fil-Komunità,
- (3) Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal servizzi finanzjarji<sup>(1)</sup> jidentifika serje ta' azzjonijiet li huma meħtieġa sabiex jiġi komplut is-suq waħdieni għas-servizzi finanzjarji u jagħmel enfażi fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit kumitat tat-Titoli sabiex jikkontribwixxi għall-elaborazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità fil-qasam tat-Titoli.
- (4) Fil-laqgħa tiegħu f'Lisbona f'Marzu 2000, il-Kunsill ta' l-Ewropa talab għall-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni sal-2005.
- (5) Fis-17 ta' Lulju 2000, il-Kunsill stabbilixxa l-Kumitat ta' Rġiel Għorriefa dwar ir-regolament tas-swieq Ewropej tat-Titoli.
- (6) Fir-rapport finali tiegħu, il-Kumitat ta' Rġiel Għorriefa talab għall-istabbiliment ta' żewġ kumitati konsultattivi, il-Kumitat tat-Titoli Ewropej, li jinkludi r-rappreżentanti ta' livell għoli ta' l-Istati Membri u l-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej, li jinkludu r-rappreżentanti għoljin mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali kompetenti fil-qasam tat-Titoli sabiex, *inter alia*, jagħtu parir lill-Kummissjoni.
- (7) Fir-risoluzzjoni tiegħu dwar ir-regolament tas-suq tat-Titoli aktar effettiv fl-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni immedjatament sabiex tistabbilixxi kumitat tat-Titoli ta' uffiċjali ta' livell għoli minn Stati Membri, ppresedut mill-Kummissjoni.
- (8) Ir-rapport finali tal-Kumitat ta' Rġiel Għorriefa emfasizza l-fatt li l-miżuri implimentattivi sejrini ikunu neċessarji għall-applikazzjoni tad-direttivi jew regolamenti sabiex jagħtu każ ta' żviluppi ġodda fis-swieq finanzjarji.
- (9) Il-Kumitat tat-Titoli Ewropej għandu jservi bħala korp għal riflessjoni, dibattitu u parir għall-Kummissjoni fil-qasam tat-Titoli.
- (10) Il-Kumitat tat-Titoli Ewropej għandu jaddotta ir-regoli tal-proċedura tiegħu.
- (11) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej fil-kapaċità konsultattiva tiegħu. Soġġett għall-atti leġislattivi speċifiċi proposti mill-Kummissjoni u adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kumitat tat-Titoli għandu jaħdem ukoll bħala kumitat regolatorju skond id-Deċiżjoni ta' l-1999

<sup>(1)</sup> COM(1999) 232 finali.

**▼B**

dwar il-komitologġja sabiex jassisti lill-Kummissjoni meta tiegħu deċiżjonijiet dwar miżuri implimentattivi permezz ta' l-Artikolu 202 tat-Trattat tal-KE,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Kumitat dwar il-garanziji fil-Komunità, imsejjaħ “il-Kumitat tat-Titoli Ewropej” (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala “il-Kumitat”), huwa b'dan stabbilit.

**▼M1***Artikolu 2*

Ir-rwol tal-Kumitat għandu jkun li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet tal-politika kif ukoll dwar l-abbozzi ta' proposti li l-Kummissjoni tista' tadotta fil-kamp tat-titoli, inklużi l-impriżi għall-investment kollettiv fit-titoli trasferibbi (l-UCITS).

**▼B***L-Artikolu 3*

Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

Il-president tal-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/527/KE <sup>(1)</sup> għandu jipparteċipa fil-laqgħat tal-Kumitat bħala osservatur.

Il-Kumitat jista' jistieden esperti u osservaturi sabiex jattendu għall-laqgħat.

*L-Artikolu 4*

Il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma.

*L-Artikolu 5*

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

Is-segretarjat tal-Kumitat għandu jkun provdut mill-Kummissjoni.

*L-Artikolu 6*

Il-Kumitat għandu jibda x-xogħol tiegħu nhar is-7 ta' Ġunju 2001.

<sup>(1)</sup> ĠU L 191, tat-13.7.2001, p.43.